

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

8788/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0339 (CNS)**

**FISC 89
ECOFIN 328**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13733/16 FISC 173 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi – Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164¹ fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi ("ATAD 2").
2. Din il-proposta wieġbet għal dikjarazzjoni tal-Kunsill li ddaħħlet fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Lulju 2016, meta ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2016/1164 (ATAD 1), li talbet lill-Kummissjoni biex "*tippreżenta proposta sa Ottubru 2016 dwar diskrepanzi ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi sabiex tipprevedi regoli konsistenti mar-regoli rakkomandati mir-rapport tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 2 u mhux effettivi inqas minnhom, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil sal-aħħar tal-2016*".
3. L-opinjoniġiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Parlament Ewropew dwar din il-proposta tal-Kummissjoni nħarġu fl-14 ta' Diċembru 2016 u fis-27 ta' April 2017 rispettivament.

¹ Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa ("ATAD 1").

4. Fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Frar 2017, il-Kunsill ECOFIN laħaq approçċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza.
5. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Direttiva tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6661/17 FISC 56 ECOFIN 151 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
